# Ġwanni ta' San Sansun

## *Ittri lil P. Duminku ta' San Albert*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

In-natura ta' ittra hija ferm differenti minn dik ta' trattat jew diskors. Dan għaliex l-ittra hija ferm aktar personali, diretta, u ġeneralment tmur mill-ewwel għall-qalba tas-suġġett mingħajr ħafna tidwir hekk li hija intenzjonata biex tkellem direttament lil xi individwu jew grupp partikulari. Il-fatt li ittra qatt ma tinkiteb għal udjenza kbira, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, imma għal individwu partikulari, ifisser li mhija qatt intenzjonata li tkun stampata, imqassma, jew moqrija minn ħafna. Dan jagħmel li tinħoloq ċerta intimità bejn min jiktibha u min jaqraha, filwaqt li t-ton jinbidel u jadatta ruħu minn persuna għal oħra. L-ittri ta' fra Ġwann ta' San Sansun huma personali daqskemm huma varjati u profondi. Naraw fihom, b'mod aktar immedjat milli fit-trattati għaliex mhux ċensurati minn P. Donatien ta' San Nicolas, il-personalità tassew umana ta' fra Ġwann kif ukoll l-essenza tad-duttrina mistika tiegħu. Il-varjetà fid-destinatarji li rċevew l-ittri ta' fra Ġwann jixhdu mhux biss għall-espansjoni soċjali ta' dan il-fra umli – minn ħutu reliġjużi Karmelitani, għal-lajċi penitenti li kienu jfittxu mingħandu kelma ta' faraġ, għal isqfijiet u saċerdoti, fosthom l-eżorċista u r-reliġjużi Ursolini fil-każ famuż ta' Loudun, għal nies prominenti oħrajn fis-soċjetà Franċiża, għar-Reġina ta' Franza nnifisha, Maria de Medicis – imma aktar minn hekk jikxfulna x'effett qawwi kellha l-ħajja spiritwali tiegħu fuq dawk kollha li semgħu bih u fittxew li jkellmuh, almenu bl-ittri. Għalkemm mill-kollezzjoni tal-ittri ta' fra Ġwann waslu f'idejna 99 biss, li reċentement ġew ippublikati għall-ewwel darba fil-lingwa oriġinali, dawn jagħtu ħjiel tajjeb ta' din l-espansjoni soċjali u spiritwali tiegħu.

Disa' mill-ittri f'din il-kollezzjoni huma indirizzati lil Duminku ta' San Albert li x'aktarx iltaqa' l-ewwel darba ma' fra Ġwann fil-kunvent ta' Rennes fl-1613. X'aktarx iltaqgħu hekk kif Vincent Eschard issieħeb mal-Ordni Karmelitan fil-5 ta' Mejju 1613 fejn bħala novizz taħt Philippe Thibault ingħata l-isem ta' Duminku ta' San Albert. F'dan il-mument, għalkemm fra Ġwann kien ilu li ssieħeb mal-Ordni sa mill-1606 ġewwa Dol, u profess sa mill-1607, kien ilu mill-1612 biss li wasal fil-kunvent riformat ta' Rennes, fejn Thibault obbligah jerġa' jagħmel in-novizzjat skont l-ispirtu tar-riforma ta' Touraine. Duminku ta' San Albert eventwalment ipprofessa fl-14 ta' Mejju 1614. Maż-żmien huwa kompla l-istudju tal-Filosofija u t-Teoloġija, ordna presbiteru, u ngħata għat-tagħlim tat-Teoloġija Spekulattiva.



*Il-kjostru tal-kunvent Karmelitan ta' Rennes li fih għexu fra Ġwann u P. Duminku.*

Hija l-opinjoni ta' ħafna li P. Duminku u fra Ġwann kienu jgawdu minn ħbiberija tassew speċjali. Bouchereaux tasal biex tgħid li P. Duminku kien "bla dubju l-aktar iben spiritwali għażiż ta' fra Ġwann." Bremond isejjaħlu "d-dixxiplu preferut ta' fra Ġwann." Jixhdu għall-verità ta' dawn l-istqarrijiet, l-ittri ta' fra Ġwann innifsu li, pereżempju, jistqarr ma' P. Duminku mhux biss li jerfa' l-ittri tiegħu, imma li jerfagħhom "b'attenzjoni partikulari" (L10). Darba oħra, waqt li qed jiddiskutu ta' min minnhom kienet ittra partikulari li kienet titkellem dwar il-ħarsa divina ta' Alla fuq l-umanità, fra Ġwann jistqarr li ma jiftakarx ta' min hi eżattament imma li jista' jirreferi għaliha bħala "tagħna" (L11). Aktar 'il quddiem, fis-

6 ta' Awwissu 1633, fra Ġwann minn Rennes jiftaħ l-ittra tiegħu billi jaċċerta lil P. Duminku tal-viċinanza tiegħu issa li ilu għal xi żmien jgħix fil-kunvent ta' Nantes, "Niftaħ billi ngħidlek li minn dejjem ġarrejt f'qalbi u ħassejt it-toqol tad-dgħufijiet tiegħek [...] fl-unjoni tal-Ispirtu, jew aħjar, fl-unjoni ta' Alla, fuq kollox, inti sensittiv." Sakemm P. Duminku kien Pirjol ta' Nantes, nafu li l-kunvent kien il-ħin kollu fi proċess ta' restawr, tkabbir, jew tisbiħ. Jidher li dan taqqal mhux biss il-ħsibijiet ta' P. Duminku imma wkoll l-ispirtu tiegħu. Għalhekk fra Ġwann, bl-aktar mod prattiku, jissuġġerilu, "Nemmen li tagħmel tajjeb jekk tbiddel id-dar għal ftit taż-żmien biex tkun tista' tinħeles mit-toqol tal-preżent li qed jaħkem lil ruħek bl-aktar mod impossibbli." (L14). Fuq kollox, hu u jirrifletti dwar il-ħbiberija tagħhom, fra Ġwann jikteb darb'oħra, "Ma nista' qatt ninsa l-ħbiberija tagħna, minkejja li tista' taħseb mod ieħor, għaliex hija tant kbira li xejn ma jista' jifridna. Jekk xi drabi dhert aħrax fl-ittri tiegħi, dan minħabba l-għaqda qawwija u li ma tinħallx tagħna. F'dan il-mument, spiss naħseb fik quddiem il-Maestà ta' Alla. Għalkemm huwa veru li l-impressjoni li għandna ta' xulxin m'għandhiex tfixkilna mis-safa tat-talb, imma tassew naqqaxna fil-qalb ta' xulxin imħabba mill-aktar safja bl-għan li nibqgħu dejjem magħqudin." Ir-rabta sabiħa ta' fra Ġwann ma' P. Duminku toħroġ fl-aħħar ta' din l-istess ittra, "Emminni li jien ukoll bħalek nafda ftit nies, u lil dawn sa ċertu punt, imma għalik jien għadni u nibqa' ngħix mingħajr limiti ta' xejn." (L15). Fl-aħħar nett, waħda mill-isbaħ elementi ta' din il-ħbiberija li nsibuha kważi f'kull ittra kienet it-tislima tal-aħħar, meta wieħed kien jirrakkomanda lill-ieħor biex jitlob għalih, "Itlob 'l Alla għalija kif jien nitlob 'l Alla għalik." (L10).

Fil-kuntest ta' din il-ħbiberija intima, għalkemm id-diskors ta' fra Ġwann dwar il-mewt tar-ruħ għad-dinja jista' jidher qawwi – huwa lingwaġġ li sfortunatament it-ton rigoruż tiegħu ċertament iżarżar f'widnejna llum – bla dubju element importanti fir-relazzjoni tagħhom kienet l-enfasi axxetika li toħroġ f'kull ittra tagħhom. "Il-mewt [tar-ruħ] hija l-ferħ ta' Alla fina" (L13). "Fuq kollox għandek tmut u titlef lilek innifsek [...] m'għandekx titlaq il-moħriet u tħares lura minħabba nuqqas ta' paċenzja jew fidi f'Alla" (L14). "Mut, ħabib, għalkollox fis-solitudni tiegħek fir-ruħ u l-ġisem, kif jien ukoll hawn immut għalija nnifsi" (L15). Fl-istess ħin, interessanti ninnutaw li daqskemm huwa qawwi l-element axxetiku, daqstant ieħor huwa qawwi l-element mistiku, li jagħmel id-duttrina spiritwali ta' fra Ġwann u ta' P. Duminku mill-aktar bilanċjata. Mill-banda l-waħda, fra Ġwann, pereżempju, jenfasizza mal-ħabib tiegħu, "Għandek tirrassenja ruħek għal dan il-martirju agonizzanti [...] il-mewt [tar-ruħ] għandha tkun għalik eħfef minn ħajja mgħaxxa u anzjuża. Ma ngħidlekx jien, li mill-esperjenza naf il-mewt [interjuri] tiegħek, kif għandek tirreżisti tħabrik daqshekk kiefer u kostanti." Jekk fra Ġwann jenfasizza l-mewt għad-dinja "bi tbatija kiefra", "b'ordni u diskrezzjoni", u rigorożità, mill-banda l-oħra, jenfasizza wkoll il-ħidma mistika ta' Alla fir-ruħ, "Kif nemmnu, Alla qed jagħmel dan kollu fina. [...] filwaqt li nistennew lill-Maestà Tiegħu li jiddisponi lir-ruħ kif irid Hu." (L11). Mill-ġdid, filwaqt li jfakkru li "b'mod sigriet in-natura [umana] tfittex dejjem lilha nnifisha [...] għandna nfittxu li nċedu l-armi [naturali] tagħna u nibqgħu attenti għall-oġġett tal-fidi [...] irrid nieħu ħsieb tiegħi nnifsi billi nkun ċert li mmut għalija nnifsi, inġib fix-xejn mhux tant il-vivaċità naturali imma l-ġibdiet sottili li jaħkmuni bil-moħbi," fl-istess waqt jinkoraġġih ukoll, "Alla jikfes dan kollu għalina u emmen li hekk hu" (L12). Darb'oħra, il-lingwaġġ mistiku jkompli joħroġ aktar qawwi u mill-aktar profond meta fra Ġwann jgħidlu, "[In-natura tagħna] għandha tittieħed mid-dinja biex tinġieb minn Alla ġewwa ġenna l-aktar safja, fejn Hu jgawdi mill-kontemplazzjoni sħiħa tiegħU fik u madwarek; fl-isfond tal-vjaġġ interjuri tiegħek, li fih int eċċellajt, inti wkoll qed tgawdi lil Alla li jitgħaxxaq fik fis-sempliċità tal-preżenza tiegħu." U jkompli, "Agħmel mill-aħjar biex tkun strument ħaj f'idejn Alla li jagħmel fik u minnek, bil-ferħ tiegħu, il-ħlejqa għażiża tiegħu" (L13). Kemm fra Ġwann kif ukoll P. Duminku fehmu li r-raġuni ta' din il-mewt interjuri m'għandha qatt tkun it-tbatija imma l-imħabba ta' Alla. L-istess P. Duminku jikteb lil fra Ġwann dwar ix-xogħol tiegħu tat-tagħlim, "Għandi x-xorti li ngħallem żewġ trattati dwar l-imħabba ta' Alla, dak tal-Grazzja u dak tal-Inkarnazzjoni. Ħija għażiż, inti dduq x'inhi l-vera Teoloġija filwaqt li jien, qaddej umli, jien ukoll bħal induqha mhux mill-kotba tiegħi imma mill-komunikazzjoni ta' Alla" (Sernin, 209).

Dawn iż-żewġt iħbieb fehmu li daqskemm huwa importanti li r-ruħ tmut għaliha nnifisha, speċjalment għal dawk il-ġibdiet li jifirduha minn Alla, daqstant ieħor huwa importanti li niftakru li Alla huwa ħaj fina, u mistikament jikkontempla lilu nnifsu fina. Bl-ittri u t-trattati tagħhom, huma fittxew li jmexxu lil xulxin mhux biss fir-rigorożità axxetika imma wkoll fl-imħabba mistika ta' Alla. Il-komplimentarjetà ta' dawn iż-żewġ dimensjonijiet, l-intwizzjonijiet psikoloġiċi u spiritwali, kif ukoll il-profondità tal-viżjoni mistika tiegħu, jagħmlu minn fra Ġwann ta' San Sansun tassew għalliem dehen u ġgant fit-tagħlim tal-ħajja tar-ruħ maġenb Santa Tereża ta' Ġesù u San Ġwann tas-Salib.